MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 37/2009/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-13 ta’ Settembru 2012 li li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi permezz tar-Rikors Guramentat fl-ismijiet fuq premessi, ir-rikorrenti A B talbet inter alia lil din l-Onorabbli Qorti illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Illi permezz tar-risposta guramentata minnu pprezentata, l-esponenti ddikjara illi huwa jaqbel ma' l-ewwel talba tar-rikorrenti martu limitatament ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali, u li din it-talba ghandha tigi milqugha f'dan is-sens biss;

3. Illi din il-kawza tinsab differita ghal nhar it-18 ta' Ottubru 2012 ghall-kontinwazzjoni wara illi l-provi tal-partijiet qed jinstemghu quddiem il-Perit Legali mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi l-esponenti jixtieq illi t-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet tigi titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili, u f'dan ir-rigward, jigi rilevat illi l-kriterji kollha rikjesti mid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B jinsabu sodisfatti, kif gej:-
(a) F'dan il-kaz, il-partijiet ilium ilhom separati de facto ghal iktar minn erba' snin, stante illi l-esponenti ilu ma jghix fid-dar matrimonjali ghal dawn l- ahhar erba' (4) snin cirka, sa minn April 2008;

(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il- partijiet, stante illi llum, iz-zewg partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

(c) L-esponenti jhallas pendente lite s-somma ta' €500 fix-xahar in liena ta' mateniment ghal intimata stess u €900 fix-xahar in linea ta' manteniment ghaz-zewgt uliedu minuri skond kif stabbilit u ffissat permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti stess fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi,

5. Illi ghalhekk, jehtieg illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonstata illi effettivament, dawn il-kundizzjonijiet elenkati fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B (a) sa (c) jinsabu debitament sodisfatti sabiex taghti decizjoni dwar it-talba kontenuta f'dan ir- rikors de quo, wara li tisma' lill-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tappunta data u hin sabiex tisma' lill-partijiet u tiddetermina illi l- kundizzjonijiet imsemmija fid-

dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili huma debitament sodisfatti, u

2. Konsegwentement, tordna u tawtorizza, permezz ta' sentenza ad hoc moghtija fil-qorti bil-miftuh, illi l-ewwel talba limitatament ghall-pronunzjament tas-separazzjoni bejn il-partijiet kemm fir-rikors guramentat u fil-kontro-talba relattiva, tigi konvertita u titqies bhala talba ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet ghal kull fini u effett tal-Ligi, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-15 ta’ Ottubru 2012 fejn gie sottomess is-segwenti:-

1. Illi din ir-risposta qed issir ghar-Rikors tal-intimat datat 13 ta' Settembru, 2012 fejn 1-istess intimat qed jitlob li l-kawza odjerna tigi konvertita minn pronunzjament ta' separazzjoni bejn il-partijiet ghall-pronunzjament ta' divorzju.

2. Illi ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili, l-esponent umilment tissottometti illi mhux il-kriterji kollha rikjesti fl-istess Artikolu jisusstu fil-kaz odjern;

3. Illi jirrizultaw l-ewwel u t-tieni kriterji fir-rigward tal-fatt illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal iktar minn erba' (4) snin u m'hernmx possibbilita ta' rikonciljazzjoni izda ghar-rigward tal-manteniment ghadd fadal diversi pendenzi;

4. Illi l-esponenti taghmel referenza ghall-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Avviz Nru. 596/12) li tinsab differita ghall-provi tal-esponenti ghad-9 ta' Novembru, 2012 fejn l-esponenti qed titlob ghall-hlas ta' arretrati dovuti mill-intimat tal-ispejjez tal-edukazzjoni ghall-minuri Renton u Matthew, ahwa B tas-snin 2009, 2010, 2011 u 2012 li jammontaw ghall-oltre €3,000;

5. Illi oltre' minn hekk jigi rilevat li l-intimat fdiversi okkazjonijiet l-intimat ihallas il- manteniment iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti tardivament u mhux b'rnod regolari tant illi l-manteniment ta' Mejju u Gunju, 2012 gie mghoddi lill-esponenti waqt kawza quddiem il-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. propju ftit tal-jiem ilu permezz ta' *post dated cheque* li jissarraf fit-30 ta' Ottubru, 2012 filwaqt li l-manteniment dovut ghax- xahar ta' Ottubru, 2012 ghadu ma thallasx minkejja li huwa dovut fl-ewwel gurnata tax-xahar;

6. Illi l-esponenti kellha kemm-il darba tirrikorri ghall-Kwereli u rapport sabiex il-manteniment jithallas u dan isir biss meta l-partijiet jersqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex jinstema l-kaz.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li l-esponenti taghmel referenza ghall-fatti kollha suesposti, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-intimat bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha.

**Provi.**

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

**Konsiderazzjonijiet**.

Ikkunsidrat,

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-

kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."

Ikkunsidrat.

Jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kap. 16 huma sodisfatti u fin-nuqqas ta' opposizzjoni da part ital-attrici it-talba ghall-konverzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-konvenut tat-13 ta' Settembru 2012 billi:-

Tilqa' t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet "A B vs C B" (Citaz nru 37/09/01 RGM) ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------